




## Fejn nista' nċempel għal aktar informazzjoni dwar dan is-servizz?

Għal aktar informazzjoni dwar dan is-servizz, wieħed jista' jċempel fuq in-numru tat-telefown 2545 5571. Apparti dan, hemm ukoll in-numru tat-telefown ġenerali ta' l-Aġenzija Appoġġ (G'Mangia) li huwa 2295 9000.






### X'inhuma l-ħinijiet tal-ftuħ?

Is-servizz ta' ħidma soċjali fl-isptar ikun miftuħ bejn 8:00am u 5:30pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa u s-Sibt mit-8:00am sa nofsinhar.

Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali

**Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali**
Tel: (+356) 2388 5000 • Fax: (+356) 2144 1029

li tinkorpora

APPOĠĠ
Għat-Tfal, Familji, u l-Komunità

**Aġenzija APPOĠĠ**
36, Triq San Luqa, Gwardamangia
Tel: (+356) 2295 9000 • Fax: (+356) 2122 5354
www.appogg.gov.mt

sedqa

**Aġenzija SEDQA**
Tel: (+356) 2388 5110 • Fax: (+356) 2388 5242
www.sedqa.gov.mt

sapport

**Aġenzija SAPPORT**
Tel: (+356) 2145 1868 • Fax: (+356) 2145 3164
www.sapport.gov.mt



# Ħidma Soċjali

## fl-Isptar Mater Dei

### Servizz ta' appoġġ lill-pazjenti tal-Isptar Mater Dei

APPOĠĠ
Għat-Tfal, Familji, u l-Komunità

www.appogg.gov.mt

## X'servizzi ta' ħidma soċjali hemm offruti fl-Isptar Mater Dei?

L-Aġenzija Appoġġ toffri servizz ta' ħidma soċjali fl-Isptar Mater Dei, fejn social workers jaħdmu mal-pazjenti tal-isptar sabiex jgħinuhom jużaw ir-riżorsi personali tagħhom u dawk tal-komunità bl-aħjar mod possibbli.



## B'liema mod jista' jgħin lill-klijenti tal-isptar dan is-servizz?

Is-social workers jistgħu jgħinu b'ħafna modi differenti, fosthom billi:

- jaraw il-qagħda preżenti tal-klijent u jħejju l-aħjar pjan ta' azzjoni li jipprovdi sigurtà u protezzjoni
- joffru sapport lill-klijenti u lill-familji tagħhom, fejn social workers jintervjenu sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja matul il-perjodu li l-pazjenti jqattgħu rikoverati fl-isptar, filwaqt li jgħinuhom jaddataw għas-sitwazzjoni u l-kundizzjoni preżenti ta' saħħithom
- jagħtu tagħrif dwar il-benefiċċji u riżorsi eżistenti fil-komunità, u jgħinuhom biex jagħmlu użu minnhom
- jaħdmu fil-qrib mal-persuni li jipprovdu r-riżorsi eżistenti fil-komunità għall-benefiċċju tal-klijent anki meta jirritorna lura d-dar
- jaħdmu ma' professjonisti oħra fil-qasam mediku biex jiffurmulaw l-aħjar pjan ta' kuraġġ għall-pazjent
- jiffaċilitaw it-tħejjija għat-tluq tal-klijent mill-isptar.





## Jingħata sapport lil nisa tqal?

Iva. L-Aġenzija Appoġġ toffri wkoll servizz speċjalizzat bl-isem Benniena, ibażżat fl-isptar Mater Dei stess, fejn social workers jaħdmu ma' nisa tqal li jkunu għaddejjin minn xi kriżi minħabba kundizzjonijiet li jistgħu jkunu fihom. Dawn ikunu referuti mis-swali fl-isptar jew mill-Gynaecology Out-patients.

Is-social workers jistgħu jgħinu billi:

- joffru informazzjoni lil nisa tqal dwar benefiċċji, riżorsi u servizzi eżistenti fil-komunità, u jgħinuhom biex jagħmlu użu minnhom
- joffru sapport lil dawk in-nisa tqal li jkollhom xi diffikultà jew problemi soċjali
- joffru gwida lil-ġenituri tat-tarbija fejn ikun hemm bżonn
- joffru sapport lill-familjari, u jgħinuhom jadattaw ruħhom għas-sitwazzjoni preżenti
- joffru gwida dwar responsabbiltajiet u drittijiet legali
- jaraw il-qagħda preżenti tal-omm u jħejju l-aħjar pjan ta' azzjoni li jipprovdi sigurtà u protezzjoni kemm għall-omm u kif ukoll għat-tarbija.



## Min jista' jibbenefika minn dan is-servizz?

Dan is-servizz huwa offrut lil pazjenti ta' kull età li jkollhom diffikultajiet soċjali.

## Min joffri dan is-servizz?

Dan is-servizz ta' għajnuna soċjali jiġi offrut minn social workers professjonali tal-Aġenzija Appoġġ li huma bbażati fl-isptar stess.

## Kemm jiswa flus dan is-servizz?

Dan is-servizz jingħata lil min ikollu bżonnu bla ħlas.




## Kif jista' jiġi riferut klijent għal dan is-servizz?

Klijenti ġodda jiġu referuti direttament mis-sala fejn ikun hemm il-pazjent permezz ta' konsulta li ssir minn professjonisti oħrajn. Malli tasal il-konsulta, is-social worker allokat għal dik is-sala jibda jaħdem fuq il-każ skont is-sitwazzjoni.